# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

**Seduta tat-Tlieta, 26 ta' Jannar 2021**

**Talba Numru 8/2020SFJ**

***Peter Pisani (292164M)***

***vs.***

1. ***Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar;***
2. ***L-Awtorità għat-Trasport f'Malta; u***
3. ***L-Aġenzija Infrastruttura Malta li ġiet imsejħa fil-kawża permezz ta' digriet datat 7 ta' Ottubru 2020.***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu l-attur ippremetta u talab:

"*Illi nhar is-27 ta' Jannar 2019 ir-rikorrent kien involut f'inċident stradali ossia ħabat bil-mutur tiegħu minħabba pothole illi kien hemm fit-triq, ossia Triq San Martin ġewwa San Pawl il-Baħar u li minħabba din il-pothole l-esponent sofra danni fuq il-mutur tiegħu fl-ammont ta' €2,037.10*

*rappreżentanti €1,860.10 għal parts and labour, €118 għal survey report fuq l-istess vettura u €59 għal spejjeż legali inkorsi.*

*Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri legali datata 10 ta' Mejju 2019 kontra l-intimati li minn issa stess huma nġunti għas-subizzjoni tagħhom.*"

Ra r-Risposta tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta li ġiet ippreżentata fil-31 ta' Jannar 2020 fejn ġie eċċepit:

"*1. Illi in linea preliminari l-Awtorità esponenti tirrileva li hi m'hix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u dan stante li wara l-Avviż Legali 28 tal-2018, mill-4 ta' Settembru 2018, il-manutenzjoni ta' toroq arterjali u distributorji taqa' fil-kompetenza tal-Aġenzija Infrastruttura Malta;*

*2. Illi inoltre, l-Awtorità esponenti tirrileva li hi m'hix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri anke minħabba l-fatt li Triq San Martin, San Pawl il-Baħar, qatt ma kienet triq arterjali u distributorja u għalhekk qatt ma kienet taqa' fil-kompetenza tal-Awtorità esponenti;*

*3. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-inċident ma seħħx minħabba xi ħtija tal-Awtorità esponenti;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi għandhom iġibu prova tad-danni allegatament sofferti minnhom;*

*5. In linea sussidjarja u assolutament mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont ta' danni pretiż mill-atturi għandu jiġi adekwatament ippruvat u f'dan l-istadju qiegħed jiġi kkontestat;*

*Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent kif indirizzati fil-konfront tal-Awtorità esponenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*"

Ra r-Risposta tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Frar 2020 fejn ġie eċċepit:

"*1. Illi l-pretensjonijiet imressqa 'l quddiem mill-attur huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-akkadut mhux attribwibbli għal nuqqasijiet min-naħa tal-esponenti.*

*2. Illi d-danni sofferti mill-istess attur huma frott in-nuqqas ta' osservanza u ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku fl-istess triq tal-istess attur.*

*3. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju, l-attur għandu jġib l-aqwa prova tad-danni effettii u attwali allegati.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*"

Ra li permezz ta' rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2020, l-attur talab li l-Aġenzija Infrastruttura Malta tkun imsejħa fil-kawża *ai termini* tal-Art. 961 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ra li l-avukati tal-konvenuti taw visto u ma opponewx għar-rikors.

Ra li permezz ta' digriet datat 7 ta' Ottubru 2020, it-Tribunal laqa' t-talba.

Ra li l-Aġenzija Infrastruttura Malta ppreżentat ir-Risposta tagħha fid-19 ta' Novembru 2020 u eċċepiet:

"*1. Illi preliminarjament l-esponenti m'hix il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandha tiġi illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju hekk kif ser jiġi spjegat fit-trattazzjoni tal-kawża u dan stante l-fatt li t-triq li fiha allegatament seħħ l-inċident, ċioe Triq San Martin, San Pawl il-Baħar, m'hix triq arterjali u distributorja. Għaldaqstant, il-manutenzjoni tal-istess triq ma taqax fil-kompetenza tal-Aġenzija esponenti;*

*2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minħabba l-fatt li l-allegat inċident ma seħħx minħabba xi ħtija tal-Aġenzija esponenti;*

*3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi għandhom iġibu prova tad-danni allegatament sofferti minnhom kawża tal-istess pothole;*

*4. Illi minbarra dan, l-ammont ta' danni pretiż mill-atturi, liema danni jammontaw għal €2,037.10, għandu jiġi adekwatament ippruvat u għaldaqstant qiegħed jiġi kkontestat.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti qiegħda umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.*"

Ra d-dokumentazzjoni kollha, sema' id-depożizzjonijiet tax-xhieda, sema' it-trattazzjonijiet fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2020 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Jannar 2021.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

L-attur, **Peter Pisani**, ippreżenta affidavit (fol. 18) xi dokumenti oħrajn. Huwa xehed li fis-27 ta' Jannar 2019, bejn is-6:00 u s-6:15 ta' filgħaxija, kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu tal-marka *Yamaha XP500* bin-numru ta' reġistrazzjoni MAX530 fi Triq San Martin f'San Pawl il-Baħar. Huwa ddeskriva t-triq relattiva bħala waħda f'kundizzjoni ħażina fis-sens li ħafna mill-ħofor kienu f'liwja u għalhekk ma kienx possibbli għalih li jara l-ħofor qabel ma jkun tard wisq.

Pisani kompla jgħid li huwa u tiela' telgħa, daħal f'*pothole* żgħira imma fonda li ma setax jevita għax din kienet f'liwja u għax kien hemm il-karozzi n-naħa l-oħra tat-triq u hu kellu joqgħod fil-*lane* tiegħu. Minħabba l-*pothole*, qal li tilef kontroll tal-mutur. Tlett ijiem wara, jiġifieri fit-30 ta' Jannar 2019, mar jagħmel rapport f'Għassa tal-Pulizija.

L-attur kompla jgħid qabbad lil Natalino Agius Auto Consultancy sabiex jagħmlu *survey report* u nstab li kien hemm *parts* li kellhom jinbidlu u li b'kollox, il-ħsarat kienu jammontaw għal €2,008.35. Il-prezz sabiex sar ir-rapport kien ta' €118.00.

Wara dan, l-attur ħa l-mutur għat-tiswija għand Clint Motorcycle Repairs kif ukoll għand GasanZammit Motors Limited. Clint Motorcycle Repairs ħadlu €702.60 filwaqt li GasanZammit Motors Limited ħaditlu €1,157.50. Ftit xhur qabel l-inċident, jiġifieri fis-7 ta' Settembru 2018, l-attur kien bidel it-*tyres* tal-mutur għall-prezz ta' €357.50 (ara fol. 30).

Huwa mbagħad tkellem mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar u żammhom responsabbli għall-ħsarat. Skont l-attur, huma qablu miegħu iżda offrewlu biss l-ammont ta' €620.00, kif kien jidher miċ-ċekk li bagħtulu. Huwa qal li dan iċ-ċekk baqa' mhux imsarraf. Dan ma kienx aċċettabbli

għalih u hu mar għand avukat li bagħtilhom ittra fl-10 ta' Mejju 2019 iżda l-Kunsill Lokali baqa' ma ħallasx l-ammont sħiħ.

L-attur ikkonferma li kien qiegħed jitlob l-ammont ta' €2,037.10 maqsum hekk:

| | |
|---|---|
| *Parts and labour* | €1,860.10 |
| *Survey report* | €118.00 |
| Spejjeż legali | €59.00 |

L-attur talab ukoll l-ispejjeż tal-kawża bl-imgħax legali sad-data tal-pagament.

In sostenn, l-attur ippreżenta s-segwenti:

- Kopja tal-*logbook* li tikkonferma li huwa verament is-sid tal-mutur relattiv (fol. 19);
- Ritratti (fol. 20);
- *Insurance Incident Report* bin-numru ta' referenza NPS 9/V/429/2019 (fol. 21 u 22);
- *Survey report* (fol. 23 sa 26);
- Riċevuta għal €118.00 rigwardanti s-*survey report* (fol. 27);
- Riċevuti għal total ta' €1,860.10 maħruġin minn Clint Vincent Zahra u minn Clint Motorcycle Repairs (fol. 28);
- Riċevuta għal €1,157.50 maħruġa minn GasanZammit Motors Limited (fol. 29);
- Riċevuta għal €357.50 maħruġa minn Clint Vincent Zahra rigward *tyres* tad-ditta Pirelli (fol. 30);
- Offerta ta' €620.00 mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar flimkien ma' kopja taċ-ċekk maħruġ permezz ta' *cheque book* ta' Bank of Valletta plc (fol. 31 u 33); u
- Korrispondenza bejn l-attur u l-Kunsill Lokali (fol. 32 u 34).

L-attur hawn għalaq il-provi tiegħu ħlief għal riżerva li jippreżenta nota sabiex jindika l-post eżatt fejn seħħ l-inċident.

Fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2020 xehdet **Karen Cremona**, *manager* fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Hija qalet li Triq San Martin f'San Pawl il-Baħar la kienet triq arterjali u lanqas distributorja u dan kien ifisser li l-Awtorità ma kinitx responsabbli għaliha. Cremona għamlet referenza għall-Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta u qalet li permezz ta' dik il-liġi, r-responsabilità għat-toroq ġiet trasferita f'idejn l-Aġenzija Infrastruttura Malta mill-4 ta' Settembru 2018 'il quddiem. Ix-xhud kompliet tispjega li mir-riċerka li għamlet, lanqas kien il-każ li forsi fid-data tal-inċident it-triq kienet qed tintuża bħala parti minn arranġament għal *diversion* tat-traffiku. Finalment, hija ppreżentat id-dokument KC1 li huwa lista ta' toroq li qabel l-4 ta' Settembru 2018 kienu jaqgħu fl-isfera ta' responsabilità tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

In kontro-eżami, ix-xhud qalet li ma kinitx taf x'kien il-limitu tal-veloċità f'dik it-triq.

Ukoll in kontro-eżami, ix-xhud spjegat li kienet il-liġi stess li tiddefinixxi xi tkun triq arterjali u xi tkun triq distributorja. Hija tenniet li mill-4 ta' Settembru 2018 'il quddiem, ir-responsabilità kienet f'idejn l-Aġenzija Infrastruttura Malta.

Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2020 xehed l-attur in kontro-eżami. L-attur ikkonferma li l-inċident relattiv seħħ filgħaxija meta hu kien qiegħed isuq mix-Xemxija u qabad it-triq għal *Golden Bay* u mbagħad qabad triq li rrefera għaliha bħala "*Ġnien Borg*" u qal li tela' t-telgħa ta' San Martin fejn kien hemm kappella ddedikata lill-Madonna. Pisani kompla jgħid li l-veloċità tiegħu kienet madwar tletin jew erbgħin kilometru fis-siegħa. Ix-xhud spjega li minħabba fl-inċident, huwa spiċċa n-naħa l-oħra tat-triq u kważi ħabat. Qal li billi l-ħofra kienet f'kantuniera, sabha quddiemu hekk kif dar il-kantuniera u nħasad. Finalment, ix-xhud qal li l-ħsara kienet fiż-żewġ roti tal-mutur.

Fl-istess udjenza xehdet **Mariella Strout**, prodotta mill-Kunsill Lokali konvenut. Hija qalet li l-Kunsill kellu bord appożitament maħtur sabiex jevalwa *claims* bħal tal-attur. Il-bord kien jiltaqa' u jara kif ikun sar l-inċident u jara anki r-ritratti. Mir-ritratti esebiti, il-bord kien iddeċieda li jagħti lill-attur biss nofs l-ammont li talab billi ħass li l-attur seta' kien għaddej b'veloċità imprudenti jew ogħla mill-massimu permess f'dik it-triq. Għal dik it-triq, il-bord ħass li veloċità prudenti kienet madwar tletin kilometru fis-siegħa. Hija qalet ukoll li l-Kunsill kellu tabelli li jindikaw veloċità massima ta' tletin kilometru fis-siegħa f'żewġ partijiet tat-triq. Skont ix-xhud, it-tabelli kienu twaħħlu qabel Ġunju 2018. Mitluba tispjega għaliex il-bord laqa' nofs it-talba tal-attur, ix-xhud qalet li kieku l-attur ma kienx għaddej b'veloċità eċċessiva, il-ħsara kienet tkun fir-rota ta' quddiem biss u mhux fiż-żewġ roti.

In kontro-eżami, ix-xhud spjegat li dan il-bord kien ikkalkula fuq l-*invoices* ippreżentati lilu iżda billi hi ma kinitx membru tal-bord, ma setgħetx tgħid kif il-bord wasal għall-konklużjonijiet tiegħu.

Saret referenza għall-ittra mibgħuta lill-attur mill-Kunsill Lokali (fol. 32) u l-avukat tal-attur ikkummenta li kien ikun utli kieku l-Kunsill Lokali spjega dan kollu li kienet għadha kif xehdet ix-xhud fl-ittra lill-attur. Ix-xhud aċċettat li setgħet faċilment ingħatat dik l-ispjegazzjoni.

Mistoqsija jekk il-Kunsill kienx qiegħed jassumi responsabilità għall-inċident u li l-partijiet ma kinux qegħdin jaqblu biss fuq l-ammont, ix-xhud ikkonfermat in-nuqqas ta' qbil fuq l-ammont u dwar ir-responsabilità qalet li jekk verament kien hemm ħofra, il-Kunsill ma setax jgħid li ma kienx hemm ħofra.

Fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2020 xehed **il-Perit David Vassallo**, kap tal-*Maintenance Unit* fi ħdan l-Aġenzija Infrastruttura Malta. Huwa qal li skont il-Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Aġenzija, li twaqqfet f'Settembru 2018, kienet tieħu ħsieb toroq arterjali u distributorji.

Mistoqsi eżattament min kien responsabbli għal Triq San Martin, ix-xhud qal li l-Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta kien jinkludi kull lokalità, saħansitra bil-mapep u l-*boundaries* għal kull lokalità. Huwa qal ukoll li t-toroq arterjali u distributorji kienu mmarkati bl-aħmar. Qal ukoll li fuq il-mappa relattiva, immarka bil-blu fejn seħħ l-inċident u rriżulta li dik it-triq la kienet arterjali u lanqas distributorja u għalhekk, l-Aġenzija Infrastruttura Malta ma kinitx responsabbli.

In kontro-eżami, ix-xhud, meta mistoqsi jekk kunsill lokali setax isewwi triq minn jeddu jew kienx hemm xi restrizzjonijiet, qal li l-kunsilli lokali kellhom l-obbligi tagħhom taħt il-Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta iżda minn Settembru 2018 'il quddiem, meta sar il-Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Aġenzija Infrastruttura Malta setgħet "*tieħu l-proċess legali f'xi toroq*" biex tagħmel xi xogħol fihom u mbagħad tirritornahom.

Vassallo qal li l-Aġenzija kienet tintervjeni meta jkun hemm affarijiet li ma setgħux isiru mill-kunsilli. Żied jgħid li skont il-liġi, il-kunsilli kienu responsabbli għall-manutenzjoni regolari. Bħala eżempju, qal li jekk ikun hemm *retaining wall* li jkun qed jikkollassa u jkun hemm bżonn spiża ta' madwar nofs miljun Ewro biex jinbena mill-ġdid, dik kienet tkun rikostruzzjoni u mhux manutenzjoni regolari. Mistoqsi dwar "*scarifying u asphalt*", ix-xhud qal li meta l-intervent ikun jinvolvi biss li jinbidel il-wiċċ tat-triq, dak ġeneralment kien ikun jaqa' taħt manutenzjoni regolari. Kien jiddependi wkoll l-intervent kienx se jsir fil-fond (jiġifieri jekk isirx tħaffir ta' xi nofs metru) u t-tul tat-triq li jirrikjedi intervent.

Dwar it-triq in kwistjoni, Vassallo qal li kienet l-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew l-Aġenzija li rranġat it-triq iżda ġieli saru interventi min xi ħadd minnhom fuq talba tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.  Qal li seta' kien il-każ li l-Kunsill Lokali ried jagħmel intervent li deherlu li ma kienx jaqa' fil-limiti ta' responsabilità tiegħu u talab lill-Aġenzija tintervjeni hi. Finalment, qal li f'dawk l-inħawi, l-Aġenzija ġieli intervjeniet.

Fl-istess udjenza, jiġifieri dik tal-14 ta' Diċembru 2020, l-Aġenzija Infrastruttura Malta ppreżentat dokument AG1 li kien *e-mail* mingħand Natalino Attard (Direttur Ġenerali [Gvern Lokali] fejn dan qal li l-parti ta' Triq San Martin bejn Ġnien Borg u Triq Busewdien (Wardija) kienet fl-isfera ta' responsablilità tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Fir-rigward tad-dokument AG1, iżda, it-Tribunal jinnota li oltre li dan mhux dokument maħluf, Natalino Attard lanqas biss spjega kif jew abbażi ta' liema liġi huwa rnexxielu jikkonkludi li t-triq kienet fl-isfera ta' responsabilità tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

## Konsiderazzjonijiet

### 1. *L-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta*

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta eċċepiet li hija ma kinitx il-leġittimu kontradittur u dan stante li skont hi, wara l-Avviż Legali 28 tal-2018, il-manutenzjoni ta' toroq arterjali u distributorji kienet taqa' fil-kompetenza tal-Aġenzija Infrastruttura Malta.

It-Tribunal josserva li l-Avviż Legali 28 tal-2018 jismu "*Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Testijiet tan-Nifs*" u permezz tiegħu saret emenda fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15. Għalhekk, jirriżulta ċar li dan l-avviż legali m'għandu xejn x'jaqsam ma' din il-kawża. Konsegwentement, l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta qed tiġi respinta sakemm u safejn din hija bbażata fuq l-Avviż Legali 28 tal-2018.

### 2. *Responsabilità għat-triq in kwistjoni*

Permezz tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta qalet li t-triq relattiva ma kinitx fl-isfera ta' responsabilità tagħha iżda kienet responsabilità tal-Aġenzija Infrastruttura Malta. Min-naħa l-oħra, l-ewwel eċċezzjoni tal-Aġenzija Infrastruttura Malta hija eżattament l-istess – jiġifieri li hi m'hix il-leġittimu kontradittur għax it-triq in kwistjoni la kienet triq arterjali u lanqas distributorja.

L-Artikolu 33(1)(a) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta) jgħid: "*Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien…*", il-funzjonijiet ta' kull kunsill lokali jkunu:

"*li tipprovdi, fir-rigward ta' kwalunkwe triq, għajr triq li r-responsabilità fir-rigward tagħha hija vestita f'Infrastruttura Malta skont it-termini tal-Att tal-2018 dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha, iż-żamma u l-manutenzjoni, jew it-titjib tal-istess, u li tipprovdi u żżomm sinjali stradali u marki stradali adegwati, skont standards nazzjonali u internazzjonali:*

*Iżda l-manutenzjoni relatata ma' kwalunkwe triq imsemmija f'dan il-paragrafu, tinkludi t-tiswija tal-irqajja' u l-kisi mill-ġdid tal-wiċċ tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha*".

L-Artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta) jgħid:

- Illi "*toroq arterjali u distributorji*" tfisser "*kull triq li ġiet klassifikata u identifikata bħala tali mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, liema klassifikazzjoni u identifikazzjoni tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta*";

- Illi "*triq*" tfisser "*kwalunkwe mogħdija fuq l-art, ikun xi jkun l-isem li bih tissejjaħ, li fuqha hemm dritt pubbliku ta' passaġġ (bi kwalunkwe mezz) u tikkonsisti f'karreġġati u bankini, u tinkludi t-tarf tat-triq, u kwalunkwe pont (kemm jekk permanenti kif ukoll jekk temporanju) li minn fuqu, jew mina li minnha, tgħaddi t-triq, u kwalunkwe referenza għal triq tinkludi kull parti minnha*";

- Illi "*triq lokali*" tfisser "*triq li mhix identifikata bħala triq arterjali jew distributorja u li mhix triq privata, u tinkludi kull triq li ġiet klassifikata u identifikata bħala tali mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, liema klassifikazzjoni u identifikazzjoni tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta*".

Inoltre, skont l-Art. 6(1)(d) tal-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Aġenzija għandu jkollha s-setgħa li "*tagħmel l-atti u l-ħwejjeġ kollha li huma meħtieġa għall-ftuħ u, jew għall-ksur tal-wiċċ ta' kwalunkwe triq*".

L-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta) huwa l-Att XXVIII tal-2018 u l-President tar-Repubblika ta' Malta tat il-kunsens tagħha għalih fit-13 ta' Lulju 2018. Kien jispetta lill-Ministru responsabbli mill-infrastruttura li permezz ta' ordni fil-Gazzetta tal-Gvern idaħħal l-Att fis-seħħ, kemm *in toto* jew *in parte*. Il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali eżerċita din is-setgħa permezz tal-Avviż Legali 290 tal-2018 u stabbilixxa l-4 ta' Settembru 2018 bħala d-data li fih l-Att XXVIII tal-2018 jidħol fis-seħħ kollu kemm hu.

It-Taqsima III tal-Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta hija intestata "*Responsabilità għal korriment u danni*". Qabel xejn, wieħed irid jirreferi għal dak li xehdet Mariella Strout (impjegata tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar), jiġifieri li meta hija ġiet mistoqsija jekk il-Kunsill Lokali kienx qiegħed jaċċetta r-responsabilità, wieġbet li ma kienx possibbli li wieħed jiċħad li kien hemm ħofra. Strout qatt ma qalet li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jiċħad ir-responsabilità u oltre dan, il-Kunsill Lokali lanqas biss ressaq xi eċċezzjoni f'dak is-sens. Dan qabel biss wieħed isemmi l-fatt li meta interpellat tramite ittra bonarja, il-Kunsill Lokali offra lill-attur kumpens ta' sitt mija u għoxrin Ewro (€620) u lanqas biss ipprova jgħid li hu ma kienx responsabbli.

L-Art. 26(1) tal-Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta speċifikament jgħid li d-dispożizzjonijiet tiegħu japplikaw meta d-danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà jirriżultaw "*minn nuqqas fil-manutenzjoni ta' xi triq*".

Dak li xehdet Strout fir-rigward ta' responsabilità ma ġie kontradett minn ebda xhud. Inoltre, għalkemm fix-xhieda tagħha hija qalet li l-bord fi ħdan il-Kunsill Lokali li kien jeżamina *claims* ta' dik ix-xorta ħass li l-attur kien qiegħed isuq b'veloċità aktar milli suppost, ma ġew ippreżentati ebda provi li jindikaw li verament l-attur kien qiegħed isuq b'veloċità imprudenti fiċ-ċirkostanzi.

Meqjus dan kollu, it-Tribunal huwa konvint li d-danni mġarrba mill-attur jirriżultaw minn nuqqas fil-manutenzjoni tat-triq u għalhekk hemm lok sabiex jiġi applikat l-Art. 26 tal-Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara dan, jonqos biss li jiġi stabbilit eżattament min kien jaħti għal dan in-nuqqas.

Huwa ċar li l-inċident relattiv seħħ wara d-dħul fis-seħħ tal-Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta.

Id-dokument KC1, ippreżentat mix-xhud Karen Cremona tul ix-xhieda ġuramentata tagħha, jelenka t-toroq li qabel l-4 ta' Settembru 2018, jiġifieri qabel il-Kap. 588 tal-Liġijiet ta' Malta daħal fis-seħħ, kienu jaqgħu taħt l-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Billi Triq San Martin f'San Pawl il-Baħar ma tinsabx inkluża fid-dokument KC1, loġikament ifisser li qabel l-4 ta' Settembru 2018, it-triq in kwistjoni ma kinitx taqa' taħt l-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Billi dak iż-żmien, l-Aġenzija Infrastruttura Malta ma kinitx għadha teżisti, dan ifisser li it-triq relattiva kienet fl-isfera ta' responsabilità tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. Ma ġiet ippreżentata ebda evidenza li kien hemm xi strument legali li ttrasferixxa r-responsabilità għat-triq relattiva mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar għall-Aġenzija Infrastruttura Malta.

Għalhekk, magħmulin dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal jilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Aġenzija Infrastruttura Malta u konsegwentement jilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju. Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħhom.

### 3. ***<u>Ir-responsabilità tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar</u>***

Sabiex jevita dilungar inutli, it-Tribunal jirreferi għas-suespost fir-rigward tax-xhieda ta' Mariella Strout kif ukoll fir-rigward tal-offerta li l-Kunsill Lokali għamel lill-attur u n-nuqqas tal-Kunsill Lokali li jeċċepixxi li huwa ma kienx responsabbli.

Meħud qies ta' dan, it-Tribunal josserva li huwa bil-wisq evidenti li l-Kunsill Lokali huwa fil-fatt responsabbli għat-triq in kwistjoni u għalhekk anki għall-manutenzjoni tagħha.

Il-Kunsill Lokali ma rnexxilux jikkontradixxi l-provi ċari mressqin mill-attur fir-rigward tal-ħsarat subiti fil-mutur. Inoltre, l-affidavit tal-attur u l-kopji awtentikati tar-riċevuti ppreżentati mal-istess affidavit jikkonfermaw li l-ħsarat relattivi kienu riżultat tal-inċident relattiv. Lanqas ma ġie ppruvat, permezz tal-kontro-eżami tal-attur, li forsi l-attur kien għaddej b'veloċità ogħla milli kien prudenti fiċ-ċirkostanzi.

Għalhekk, it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-Kunsill Lokali filwaqt li fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni, jiddikjara li l-attur fil-fatt irnexxielu jġib l-aqwa provi possibbli.

## <u>Deċide</u>

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża, sema' x-xhieda u qara d-dokumentazzjoni relattiva, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

i. Jilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Aġenzija Infrastruttura Malta u konsegwentement jilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju;

ii. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Aġenzija Infrastruttura Malta;

iii. Jiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar;

iv. Jiddikjara fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li l-attur irnexxielu jġib l-aħjar provi possibbli; u

v. Jilqa' t-talba tal-attur kif dedotta u konsegwentement jillikwida l-ammont ta' elfejn u sebgħa u tletin Ewro u għaxar ċenteżmi (€2,037.10), liema ammont għandu jitħallas mill-Kunsill Lokali konvenut lill-attur; u

vi. Jordna li l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi mill-10 ta' Mejju 2019, data tal-ittra bonarja relattiva, sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-partijiet kollha fil-kawża għandhom jitħallsu kollha mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**